**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN**

**27TA' SETTEMBRU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **40.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 40.1.1 | | Il-Viċi Chairperson Maria Schembri avżat li ma tistax tattendi minħabba li ser tkun imsiefra. |
| | | |
| | | |
| **40.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 40.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***40.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 40.3.1 | | Fir-rigward taż-żebra crossing li l-Kumitat Amministrattiv talab li ssir fi |

| | | |
|---|---|---|
| | | Vjal l-Indipendenza, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi ressqet l-ilment tar-residenti lil Transport Malta, u dawn infurmaw li l-ilment tar-residenti mhux validu.<br><br>Waqt diskussjoni, tqajjem il-punt ukoll ta' messaġġi li inkitbu fuq fb illum ukoll, fuq il-bżonn li hemm ta' zebra crossing fit-triq. Il-Kumitat Amministrattiv la jrid idejjaq residenti li zebra crossing tiġi quddiemhom u lanqas irid li jinqala xi inċident, minħabba li ma ssirx zebra crossing.<br>Iċ-Chairperson Pierre Farrugia xorta baqa' xettiku fuq il-każ.<br><br>L-aħħar deċiżjoni kienet li ż-zebra crossing proposta ssir fejn ġiet approvata minn TM. |
| | | |
| 40.3.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident li joqgħod fi Triq Gdida fi Triq Sant Andrija. Dan jixtieq permess li jinstalla 3 bollards quddiem ir-residenza tiegħu biex tipproteġilu l-faċċata. Hu lest li jħallas kollox hu.<br><br>Kien hemm qbil li r-resident jissuplixxa ritratti tal-faċċata tad-dar bil-bankina indikat fejn iridhom. |
| | | |
| | | |
| 40.3.3 | | Ġie approvat li jsiru stoppers għall vetturi fi Triq Fra Gan Marie Zammit, bi spiża għall-Kumitat Amministrattiv. |
| | | |
| 40.3.4 | | Il-membru Joseph D'Amato wera ilment ta' persuna li toqgħod fi Triq San Iljun għax kien ipparkjat ħażin peress li m'hemmx parking bays.<br>Kien hemm qbil li issir parking bay fil-post indikat. |
| | | |
| ***40.4*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 40.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Ottubru, 2017 fis-17:30. |
| | | |

Konfermati, illum 25 t' Ottuburu, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**